MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Numru. 47/2000
Kawza Numru. 5

**Il-Pulizija**
**(Spetter Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Carmel Sillato**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmel Sillato ta' 53 sena iben Felic u Rosa nee` Cini imwieled Rabat, Ghawdex fil-5 ta' Lulju 1948 u residenti Block H, Flat 2, Triq Lapsi, Marsalforn, Ghawdex (Karta tal-Identita' Numru 52948 G) kif riportati a fol 1 tal-process bil-mod segwenti:

**talli fl-14 ta' Marzu 2000 u fix-xhur ta' qabel ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` vettura Taxi ta' l-ghamla 'Mercedes', bin-Numru tar-Registrazzjoni LWY 223 a detriment ta'**

**Joseph Attard mir-Rabat, Ghawdex, liema ammont tal-hsara huwa ta' izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500), ai termini ta' l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema' u tkun deciza bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat sabiex din il-Qorti tisma' u tiddeciedi l-kaz bl-istess procedura;

Rat illi l-imputat ma oggezzjonax sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bl-istess procedura;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza kien istitwita fuq denunzja ta' Joe Attard wara li rrizultawlu hsarat fil-vettura taxi tieghu konsisteni fi brix, tqattih ta' tapezzerija bi strument li jaqta' u qtugh ta' wires. L-kwerelant xehed illu huwa ra lill-imputat jobrox il-vettura tieghu kif ukoll taxi ta' persuni ohra u dan sabiex jikkonvincuh ma jibqax jiehu xoghol minn fuq it-taxi stand li jkun fuqu.

L-imputat ghazel illi jixhed u cahad l-akkuzi kollha u allega illi l-imputat issa qieghed jipponta subghajh mhux biss lejh izda lejn diversi nies ohra bhala responsabbli mill-hsarat li sofra. Sillato ikkonferma illi kull gimgha Attard kien isib xi vendikazzjoni fuq il-karozza tieghu u l-Pulizija gieli kellmuh fuqhom wara r-rapporti li kien jaghmel Attard izda l-affari kienet tieqaf hemm.

Ix-xhieda ta' dawn iz-zewg persuni hija bhal dubbju konflingenti u ma tezisti l-ebda prova ohra cirkostanzjali li

tista' tinduci lill-din il-Qorti biex tiddecedi liema verzjoni hija l-aktar attendibbli o meno. Ix-xhieda kollha mressqa nnegaw li qatt raw lill-imputat jaghmel hsarat fuq il-vetturi tax-xufiera kollegi tieghu hlief ghall certu Gregory Gauci li qal biss li xi sentejn ilu l-imputat kien heddu li jekk imur jisma' l-Quddies wara li jhalli t-taxi ipparkata fuq l-istand kien ser jobroxlu l-karozza u fil-fatt hmistax wara sab il-karozza mibruxa. Minkejja dan, u minkejja l-isfortuna li qed sofri l-kwerelant, ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghanda ssib htija kontra l-imputat.

Ghall dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

--------------------------------TMIEM--------------------------------